MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 820/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Anthony Sant (K.I. 104175M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' disa' mija, sitta u hamsin ewro u tmien centeżmi (€956.08) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40095143* moghtija mis-Socjeta' attrici u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont d-dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv annessi mal-avviz.

Illi l-konvenut gie `nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa' inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum u kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 4 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------